



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Frar 2010 (12.02)
(OR. en)**

6200/10

PUBLIC 3

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL JANNAR 2010

Dan id-dokument jikkonsisti f'li ġej:

- ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2010.^{1 2}
- ANNESS II li fih dettalji ulterjuri dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-risultati tal-votazzjoni, l-ispejgazzjoni tagħha, u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li huma adottati wara l-iffirmar mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (<http://consilium.europa.eu/>) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: <http://consilium.europa.eu/> , ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Minuti tal-Kunsill").

LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL**F'JANNAR 2010****Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Jannar 2010**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 23/2010, tal-14 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1359/2008, (KE) Nru 754/2009, (KE) Nru 1226/2009 u (KE) Nru 1287/2009
ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1-120

L-2990 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fid-19 ta' Jannar 2010

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istatistika dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern Grieg
5530/10

2010/39/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Portugiża biex tapplika miżura derogatorja mill-Artikoli 168, 193 u 250 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud
ĠU L 19, 23.1.2010, p. 5-6

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2010 tad-19 ta' Jannar 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika
ĠU L 17, 22.1.2010, p. 1-20

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 77/2010 tad-19 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw inter alia , mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
ĠU L 24, 28.1.2010, p. 1-6

Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Jannar 2010

2010/41/UE, Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Jannar 2010 li tadotta lista ta' persuni oħra li l-Kunsill jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2009/903/UE
ĠU L 20, 26.1.2010, p. 5-6

L-2991 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-25 ta' Jannar 2010

2010/50/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness 2, Skeda A, tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi mill-Arabja Sawdita
ĠU L 26, 30.1.2010, p. 22-23

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Programm 'Żgħażaġħ fl-Azzjoni' u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (2007-2013)

13104/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR 1975)

5231/10 + COR 1 + REV 1 (hu)

L-2992 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fil-25 ta' Jannar 2010

Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni 2009/472/KE u li tikkonċerna s-segwitu għall-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE

5012/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 12/2009

5360/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Herzegovina: Operazzjoni ALTHEA

5507/2/10 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Missjoni ta' Taħriġ fis-Somalja

5627/1/10 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen

5727/10

Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Jannar 2010

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

5720/10

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI JANNAR 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Proċedura bil-miktub konklufa fl-14 ta' Jannar 2010 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 23/2010, tal-14 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1359/2008, (KE) Nru 754/2009, (KE) Nru 1226/2009 u (KE) Nru 1287/2009	17323/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 6 - Rajja undulata Il-Kummissjoni tinnotta li l-parir xjentifiku għall-istokk ta' rajja undulata imur lura għall-2008. Hija ser titlob lill-STEFCF sabiex jaġġorna l-parir tiegħu matul l-2010 abbażi tal-informazzjoni disponibbli l-aktar reċenti u biex jagħti parir dwar l-istatus tal-istokk u, fejn adatt, dwar miżuri speċifiċi tal-konservazzjoni.			
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 9 - Ġestjoni ta' sforz għas-sajd fil-baħar fond Sabiex tiġi pprovduta sistema koerenti għall-ġestjoni fit-tul tas-sajd fil-baħar fond, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tħejji, matul l-2010, proposta għar-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2347/2002 li jistabbilixxi ħtiġiet ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond, inklużi limitazzjonijiet ġodda ta' sforz għal bastimenti tal-baħar fond.			
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar stokkijiet fil-Kategorija 6 Għal dawk l-istokkijiet li dwarhom hemm attwalment parir xjentifiku mingħajr previżjoni kwantitattiva għall-perijodu qasir tal-konsegwenzi ta' qabdiet alternattivi, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li għad hemm bżonn ta' aktar xogħol biex jiġu eżaminati l-alternattivi rigward ġestjoni abbażi tat-talbiet li saru mill-Kummissjoni lill-ICES u l-STEFCF fl-2009. Sussegwentement, il-Kummissjoni tipprevedi li tipproponi azzjoni ta' rimedju sabiex ikun applikat għall-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2011.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar stokkijiet fil-Kategorija 11 Parir xjentifiku mill-STECEF u l-ICES jiddikjara li l-istatus ta' numru ta' stokkijiet mhux magħruf. Id-data disponibbli mhijiex suffiċjenti għall-valutazzjoni tad-daqs u l-esplorazzjoni tal-istokk attwali. Għalhekk, il-parir dwar il-ġestjoni mhux disponibbli. Il-bażijiet tad-data użati għall-parir xjentifiku pprovdut mill-STECEF u l-ICES joriġinaw mil-laboratorji nazzjonali fl-Istati Membri kkonċernati minn kull żona ta' sajd. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkunsidraw li l-inizjattivi għar-rimedju ta' dan in-nuqqas fil-ġestjoni għandhom jitkomplew fl-2010. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Sistema tal-kwota tal-qbid Il-Kunsill u l-Kummissjoni japprezzaw esperimenti ulterjuri u żvilupp fl-2010 dwar żoni tas-sajd kompletament dokumentati bil-ħsieb tal-valutazzjoni tal-benefiċċji potenzjali ta' dan l-approċċ. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Aringi fil-Baħar Ċeltiku (Żona VIIhjk) Mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha ta' inizjattiva fi kwistjonijiet leġislattivi, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan fit-tul għall-ġestjoni ta' dan l-istokk hekk kif ikun prattiku. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li sakemm jiġi adottat dan il-pjan, ikun adatt li t-TAC għal dan l-istokk tiġi stabbilita skont ir-regola li ġejja: Fl-2010 u s-snin sussegwenti, it-TAC hija u għandha tkun stabbilita korrispondenti għal mortalità tal-ħut ta' $F_{0.1} = 0.19$. Jekk, fl-opinjoni tal-ICES u s-STECEF, il-qabda għandha tkun imnaqqsa għall-inqas livell possibbli, it-TAC għas-sena ta' wara għandha titnaqqas b'25 %. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Irlanda li skontha, permezz tal-leġislazzjoni nazzjonali, id-Diviżjoni VIIaS ser tibqa' magħluqa għall-flotta Irlandiża għas-sajd tal-aringi għall-2010 u 2011, iżda sajd sentinella fuq skala żgħira ser ikun permess fiż-żona magħluqa (b'limitu massimu ta' qbid ta' 8 % tal-kwota Irlandiża).			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-Petriċi fiż-żoni VIIIc u IXa Il-Kunsill jinnota l-parir xjentifiku rigward dan l-istokk u l-fatt li dan jinqabad f'żona ta' sajd imħallat flimkien mal-marlozz tan-Nofsinhar u l-ksampu u jistieden lill-Kummissjoni, biex tippreżenta proposta li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-marlozz tan-Nofsinhar u l-awwista tan-Norveġja fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar. Din l-emenda għandha tikkonċerna l-inklużjoni tal-petriċi f'dan il-pjan ta' ġestjoni sabiex twassal għall-ġestjoni tat-tliet speċijiet kollha kkonċernati lejn il-kompatibbiltà mal-produzzjoni massima sostenibbli. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pixxiplamtu Bil-ħsieb tal-monitoraġġ tal-irkupru tal-istokk ta' pixxiplamtu, il-Kummissjoni ser titlob parir mill-STECEF dwar l-adegwatezza li jsir sajd sentinella fuq skala żgħira. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Haddock fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni Vb u VIa Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan fit-tul għall-ġestjoni ta' dan l-istokk hekk kif ikun prattiku. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li sakemm jiġi adottat tali pjan, ikun adatt li t-TAC għal dan l-istokk tiġi stabbilita skont l-istess regola li tapplika għall-istokk tal-haddock fil-Baħar tat-Tramuntana, bl-użu tal-bijomassa riproduttiva prekawżjonarja u l-bijomassa riproduttiva ta' limitu adatt għal dan l-istokk, u bil-limitazzjoni tal-varjazzjonijiet interannwali tat-TAC għal mhux aktar minn 25 %. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Miżuri tekniċi rigward il-kategorija ta' ħut abjad fiż-Żona VI Il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tat-talbiet minn uħud mill-Istati Membri biex jiġu modifikati miżuri tekniċi eżistenti għaż-Żona VI tal-ICES qabel ir-riforma ġenerali maqbula tar-regoli dwar il-miżuri tekniċi għal nofs l-2011. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra dawn it-talbiet u fejn adatt tippreżenta proposti rilevanti, jekk possibbli matul l-ewwel nofs tal-2010.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Linarda Il-Kummissjoni tieħu nota tal-informazzjoni xjentifika rilevanti rigward l-istokk tal-linarda (żoni VI, VII). Hija ser tippreżenta din l-informazzjoni lill-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tivvaluta jekk l-informazzjoni l-ġdida twassalx għal modifika tal-allokazzjonijiet għal dan l-istokk matul l-2010. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-Ksambu fiż-Żona VII Il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-appelli mill-ICES u s-TECF għall-ġestjoni tal-unitajiet funzjonali individwali tal-ksambu fiż-Żona VII. Huma jieħdu nota wkoll tal-parir għal tnaqqis kbir ta' qabdiet fil-Porcupine Bank, fil-West u Aran Grounds tal-Baħar tal-Irlanda, u inqas tnaqqis ta' qabdiet fil-Baħar tal-Irlanda tal-Lvant u l-Baħar Ċeltiku. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Barbun tat-Tbajja' fiż-żona VIId Il-Kummissjoni, jekk huwa kkunsidrat adatt abbażi ta' parir xjentifiku, għandha tipproponi l-introduzzjoni ta' ġestjoni separata għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIId u VIIe. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet li huma soġġetti għall-ftehimiet man-Norveġja u mal-Gżejjer Faroe Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li fin-nuqqas ta' arranġamenti maqbula man-Norveġja u mal-Gżejjer Faroe dwar l-opportunitajiet tas-sajd definittivi għall-2010, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fuq bażi awtonoma l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għal bastimenti tas-sajd Komunitarju għal stokkijiet li huma soġġetti għal dawk l-arranġamenti maqbula, u, sakemm tali arranġamenti jiġu konklużi, ma jiġix permess l-aċċess għal bastimenti Norveġiżi jew tal-Gżejjer Faroe fl-ilmijiet tal-UE. Bil-ħsieb tal-iżgurar tal-kontinwità tal-attivitàjiet tas-sajd, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi meħtieġa biex tiffaċilita l-konklużjoni, hekk kif ikun prattiku kmieni fl-2010, tal-arranġamenti maqbula man-Norveġja u l-Gżejjer Faroe u biex jippermettu lill-Kunsill jieħu d-deċiżjoni meħtieġa. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-Kavalli fl-ilmijiet Norveġiżi Bħala riżultat tal-bidla għall-għarrieda tal-andament migratorju tal-kavalli u l-ftuħ tard tas-sajd fl-ilmijiet Norveġiżi, kemm il-bastimenti Norveġiżi kif ukoll dawk Komunitarji bi kwoti fiż-ŻEE Norveġiża ma setgħux jieħdu l-kwoti sħaħ tagħhom matul l-2009. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li, jekk in-Norveġja tiddeċiedi li tippermetti lill-flotot tagħha jistadu l-kwota li baqa' tal-2009 fl-2010 fl-ilmijiet Norveġiżi, il-flotta Komunitarja bi kwoti tal-2009 mhux użati fl-ilmijiet Norveġiżi għandha tiġi permessa wkoll il-kwota tagħha li baqa' tal-2009 f'dawk l-ilmijiet fl-2010.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni tal-komponent tan-Nofsinhar tal-kavalli Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-komponent tan-Nofsinhar għall-kavalli għandu jkun parti minn qbil ġenerali kondiviż mal-Istati Kostali rilevanti fl-2010, li huwa aċċettabbli għall-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ifittxu l-alternattivi kollha biex jiġi limitat l-impatt negattiv tal-integrazzjoni fuq l-Istati Membri li jistadu għall-kavalli tal-punent, tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar tan-Nofsinhar. L-integrazzjoni tal-komponent tan-Nofsinhar għandha tirrispetta l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u tippreserva prattiki tas-sajd tradizzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri sabiex issolvi l-parametri rilevanti. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar Spejjeż u benefiċċji taħt l-arranġament annwali man-Norveġja B'kont meħud li l-Istati Membri jibbenefikaw fi grad differenti mill-iskambju ta' opportunitajiet ta' sajd man-Norveġja, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tiżgura li l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-Istati Membri individwali tal-arranġamenti annwali man-Norveġja jkunu kemm jista' jkun ibbilanċjati. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-Mazzola griża Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli ta' qabdiet inċidentali ta' mazzola griża matul l-2010 sabiex jinkiseb livell zero ta' qabdiet inċidentali għall-2011. Għal dan l-iskop, l-għarfien dwar l-andament ta' distribuzzjoni tal-mazzola griża għandu jittejjeb biex jiġu evitati qabdiet mhux mixtieqa ta' din l-ispeċi, b'mod partikolari f'żoni fejn hemm eżemplari nisa kbar tal-ispeċi. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-esklużjoni ta' gruppi ta' bastimenti mill-ġestjoni ta' sforz tas-sajd taħt il-pjan tal-merluzz - Ad Ġestjoni ta' sforz Meta grupp ta' bastimenti jiġi eskluż mill-ġestjoni ta' sforz tas-sajd tal-pjan tal-merluzz (Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru (KE) 1342/2008), l-isforz tas-sajd ta' dan il-grupp magħmul matul il-perijodu ta' referenza ser jitnaqqas mill-isforz tal-linja bażi. Il-metodi dettaljati ta' implimentazzjoni għall-esklużjoni tal-grupp ta' bastimenti, inklużi l-każijiet fejn is-segwitu huwa bbażat fuq il-monitoraġġ tal-flotta, jeħtieġu li jiġu ttrattati fil-qafas tar-regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Dan ser jinkludi l-konsegwenzi tad-dħul mill-ġdid ta' grupp ta' bastimenti fil-ġestjoni tal-isforz tas-sajd. B'mod partikolari, l-isforz tal-linja bażi li għandu jiġi inkluż mill-ġdid għall-grupp sħiħ tal-bastimenti ser jiġi kkalkulat b'kont meħud tal-aġġustamenti annwali tal-isforz li seħħew sa mill-istabbiliment tal-isforz tal-linja bażi.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Isforz IIa - ikkompletar tal-korrezzjoni tal-linja bażi Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li għad trid tiġi vvalutata mill-STEFC data addizzjonali pprovduta tard fl-2009 li tikkonċerna l-kalkolu tal-isforz tal-linja ta' bażi għal ċertu Stati Membri u jaqblu li, abbażi ta' din il-valutazzjoni, jista' jkun neċessarju li jiġu riveduti l-linji bażi għal daww l-Istati Membri fl-2010. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trasferiment tal-isforz taħt il-pjan tal-merluzz f'każ ta' tibdiliet strutturali f'taqsimi ta' flotta Stat Membru jista' jittrasferixxi sforz minn grupp wieħed ta' rkaptu għall-ieħor ladarba jkun informa lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet għal kull unità ta' sforz tal-gruppi ta' rkaptu rispettivi. Il-kalkolu tat-trasferiment għandu jkun ibbażat fuq dik l-informazzjoni. L-Istat Membru jista' jimplimenta t-trasferiment tal-isforz b'kont meħud ukoll tal-miżuri tekniċi introdotti għall-evitar tal-merluzz, sabiex il-qabda għal kull unità ta' sforz li għadha ogħla fil-grupp ta' rkaptu riċeventi tiġi kkompensata. Il-Kummissjoni taċċetta li għal taqsimi ta' flotta li għaddiet minn bidla strutturali fl-attivitàjiet tas-sajd tagħha, it-trasferiment tal-isforz tas-sajd jista' jsir ta' natura permanenti. Hija mbagħad lesta li ttipponi revizzjoni tal-allokazzjoni tal-isforz skont dan, ladarba tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar data tal-qabda. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tal-isforz taħt il-pjan tal-marlozz tan-Nofsinar u l-ksampli Il-Kummissjoni tinnota li l-pjan ta' rkaptu għall-marlozz tan-Nofsinar u l-ksampli qed jiġi rivedut fl-2010. Hija taqbel li fil-proċess ta' revizzjoni, għandu jitqies il-kontribut tat-tipi kollha ta' rkaptu għall-mortalità tas-sajd applikat fuq il-marlozz tan-Nofsinar u speċi assoċjati. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Anness VIII (liċenzji għall-bastimenti Venezwelani) Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li bastimenti tas-sajd li jtafru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela ngħataw aċċess kontinwu mill-1977 għall-ilmijiet tal-Gujana Franċiża, soġġett għal, fost oħrajn, il-kondizzjoni li jħottu l-art il-biċċa l-kbira tal-qabdiet tagħhom fil-Gujana Franċiża. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw ukoll li bastimenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jitħallew jistadu f'ibħra Komunitarji soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill 1006/2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitàjiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma konxji tal-importanza ekonomika u soċjali tal-ħatt l-art tal-bastimenti Venezwelani fil-portijiet tal-Gujana Franċiża. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għaldaqstant jaqblu li f'dan l-istadju, waqfien għall-għarrieda ta' dawn l-attivitajiet jista' jkun ta' impatt maġġur. Għalhekk huma lesti li jaqblu li jkompluhom fuq bażi proviżorja. Franza u l-Kummissjoni ser jieħdu l-passi neċessarji biex jirregolarizzaw din is-sitwazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2010. Il-liċenzji tal-bastimenti Venezwelani mhux ser jiġu mġedda aktar tard minn din id-data, sakemm is-sitwazzjoni ma tiġix formalizzata. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tonn (ICCAT) B'konsegwenza tat-tnaqqis sinifikanti tat-TAC tat-tonn tal-UE maqbula fil-qafas tal-ICCAT, il-Kummissjoni ser tivvaluta mal-Istati Membri kkonċernati, l-aħjar użu u dak l-aktar immirat tal-istrumenti finanzjarji sabiex jiġi indirizzat l-impatt soċjo-ekonomiku ta' tali tnaqqis. Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-inċova tal-Bajja ta' Biskajja Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li s-sajd tal-inċova jeħtieġ miżuri speċifiċi ta' kontroll barra minn dawk stabbiliti fil-Regolament il-ġdid dwar il-Kontroll. Għal dan l-iskop, sakemm jiġi adottat il-pjan pluriennali għall-inċova tal-Bajja ta' Biskajja u l-programm ta' kontroll u ta' spezzjoni dwar is-sajd tiegħu, Spanja u Franza jaqblu li jwettqu l-miżuri addizzjonali ta' kontroll matul l-2010: 1. Kompiti ta' spezzjoni fuq il-baħar; Verifika tal-kwantitajiet ta' inċova miżmuma abbord meta mqabbla mal-kwantitajiet rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord u l-konformità mal-marġini ta' tolleranza; Kopertura totali tal-flotta bit-tagħmir VMS u dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata ħidma kontinwa u evitat it-tbagħbis. 2. Kompiti ta' spezzjoni mal-ħatt l-art; Mill-inqas 20% tal-ħatt l-art irid jiġi spezzjonat Notifika minn qabel tal-ħatt l-art inkluż data preċiża dwar il-qabda abbord; L-ikkompletar tal-ġurnal ta' abbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art, inkluż reġistrazzjoni tal-isforz; Il-kwantitajiet reali ta' ħut abbord, il-piż tal-inċova u speċijiet oħra li nħattu l-art u l-konformità mal-marġini ta' tolleranza; Il-konformità mal-proċeduri tal-għeluq ta' tagħmir VMS. 3. Kompiti ta' spezzjoni dwar it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni; Verifika ta' dokumentazzjoni rilevanti li takkumpanja t-trasport u verifika tagħhom fl-isfond tal-kwantitajiet fiżiċi trasportati; Konformità mar-rekwiżiti ta' tikkettar u rekwiżiti tad-daqs minimu tal-ħut.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Inċova VIII Il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu b'mod eċċezzjonali dwar il-ftuħ mill-ġdid temporanju tas-sajd tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja wara indikazzjonijiet inkoraġġanti, ibbażati fuq ir-riżultati tas-sondaġġ ta' riċerka "Juvena 2009" li jindikaw preliminarjament daħla qawwija li tista' żżid l-istokk fl-2010 b'mod sostanzjali. Huma jaqblu wkoll li dan il-qbil huwa kondizzjonali fuq validazzjoni bir-reqqa mill-STEFC tar-riżultati msemija hawn fuq bl-użu tal-informazzjoni xjentifika disponibbli kollha, speċjalment ir-riżultati tas-sondaġġi tar-rebbiegħa 2010 u d-data l-aktar kompleta ta' qbid matul is-sajd. Jekk l-analiżi xjentifika tindika li l-irkupru tal-istokk mhuwiex ikkonfermat, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li t-TAC għandha titnaqqas f'konformita mal-pjan pluriennali propost għal dan l-istokk. Dikjarazzjoni Konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda dwar il-Preferenzi tal-Aja Ir-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li l-Preferenza tal-Aja tikkostitwixxi parti integrali mill-istabbiltà relattiva, li tirrifletti l-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma dipendenti b'mod speċjali fuq is-sajd u industrij relatati. Dan huwa speċifikament rikonoxxut fil-politika Komunitarja tas-sajd u kien stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 170/83 u r-Regolament tal-Kunsill Nru 3760/92. Dan ġie ddikjarat għal darb'oħra fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002. Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Preferenzi tal-Aja Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni tal-kwoti għall-Istati Membri kienu finalment miftiehma fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-Preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju tal-istabbiltà relattiva.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Portugall dwar il-merluzz ta' Svalbard Wara l-qbil tan-Norveġja fir-rigward tal-livell tal-kwota tal-2009 tal-merluzz ta' SVALBARD, diversi bastimenti Portugiżi ma setgħux jieħdu l-kwoti sħaħ tagħhom matul l-2009 u, sa issa, ma nstabt l-ebda soluzzjoni sabiex il-bastimenti kkonċernati jiġu kkompensati għat-telf finanzjarju kbir tagħhom. Il-Portugall kien intitolat għal dak il-livell ta' kwota tas-sajd fl-ilmijiet ta' SVALBARD mill-Kunsill tal-Ministri f'Diċembru 2008. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tinsab soluzzjoni adatta, jew permezz tal-aġġustament tal-istabbiltà relattiva tal-2009, jew fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali man-Norveġja, bil-ħsieb li l-bastimenti Portugiżi jitħallew jistadu għall-bqija tal-kwota Portugiża tal-2009 fl-ilmijiet ta' SVALBARD fl-2010.			
Dikjarazzjoni mill-Greċja dwar it-tonn Id-delegazzjoni Griega tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi serji li ser jiġu kkawżati mit-tnaqqis drastiku tal-qabda totali permissibbli (TAC) għat-tonn maqbul fil-laqgħa annwali tal-ICCAT. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel tajjeb għal dawk il-konsegwenzi permezz ta' miżuri ta' appoġġ finanzjarju ġodda favur is-sajjieda affettwati, bħala parti mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-ICCAT fl-2010. Barra minn hekk, il-Greċja tirreferi għal darb'oħra għat-talba tagħha tal-1999 għal reviżjoni tal-istatistika rigward is-sajd għat-tonn, fid-dawl tad-data riveduta tal-ICCAT. Din il-pożizzjoni ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill permezz ta' dikjarazzjoni f'Diċembru 1999, iżda ma kien hemm l-ebda segwitu. Reviżjoni għandha tippermetti kalkolu aktar ekwu għall-allokazzjoni tal-kwota Komunitarja għat-tonn fost l-Istati Membri, abbażi tad-data storika.			
Proċedura bil-miktub konklużi fit-28 ta' Jannar 2010			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	5720/10	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: kontra: NL astensjoni: DK, BE, ES, UK

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
JANNAR 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjonijiet mill-Istati Membri Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, is-Slovenja u l-Isvezja għandhom jistinkaw biex jiffaċilitaw il-kapaċità tal-operaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud speċifikament tas-sitwazzjoni tal-impriżi/l-operaturi żgħar u ta' daqs medju. Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni B'rabta mal-Artikoli 12 u 18, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali attwali fl-UE tal-prodotti taħt il-Kapitolu 49 tal-Kodiċi Doganali tal-UE, sabiex tqis il-possibbiltà tal-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' prodotti annessa għal dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha wkoll tistinka biex tiffaċilita l-kapaċità tal-operaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud, b'mod speċifiku tas-sitwazzjoni tal-impriżi/l-operaturi żgħar u ta' daqs medju. Il-Kummissjoni tilqa' l-qbil milħuq fil-Kunsill dwar ir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-injam u prodotti tal-injam. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tieħu nota tal-premessa 24 il-ġdida dwar il-konsultazzjoni ta' esperti fil-fażi preparatorja ta' atti delegati. Il-Kummissjoni tqis li l-gruppi ta' esperti ma jistax ikollhom rwol istituzzjonali formali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-involvement ta' esperti fit-tħejjija ta' atti delegati ma jistgħux jiġu inklużi fl-atti bażiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-Komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2009. Sabiex il-proċess leġislattiv jitħalla jimxi 'l quddiem bil-ħsieb tal-adozzjoni fil-ħin ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni mhijiex ser topponi l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ladarba s-sustanza tal-kompromess milħuq, fl-intier tiegħu, jilħaq l-għanijiet tal-proposta. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li terġa' tqis il-premessa msemmija hawn fuq matul it-tieni qari, b'kont meħud ukoll tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN JANNAR 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
L-2990 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fid-19 ta' Jannar 2010 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istatistika dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern Grieg 5530/10 2010/39/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Portugiża biex tapplika miżura derogatorja mill-Artikoli 168, 193 u 250 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 17429/09 + COR 1 (de) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2010 tad-19 ta' Jannar 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika 17800/09 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 77/2010 tad-19 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw inter alia, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 17777/09 Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Jannar 2010 2010/41/UE, Euratom Deċiżjoni tal-Kunsill, meħuda bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Jannar 2010 li tadotta l-lista ta' persuni oħra li l-Kunsill jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2009/903/UE 5542/10	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN JANNAR 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
L-2991 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fil-25 ta' Jannar 2010 2010/50/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2010 li temenda l-Anness 2, Skeda A, tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi mill-Arabja Sawdita 17584/1/09 REV 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jstabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-partekipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Programm 'Żgħażaġħ fl-Azzjoni' u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013) 13104/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR 1975) 5231/10 + COR 1 + REV 1 (hu) L-2992 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fil-25 ta' Jannar 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni 2009/472/KE u li tikkonċerna s-segwitu għall-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE 5012/10	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN JANNAR 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 12/2009 5360/10	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina: Operazzjoni ALTHEA 5507/2/10 REV 2	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Missjoni ta' Taħriġ fis-Somalja 5627/1/10 REV 1	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen 5727/10	